

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com

Ħarġa Nru 30

## SAN DUMINKU U R-RUŻARJU

Ir-Rużarju huwa talba antika fil-Knisja li m'aħniex ċerti dwar l-oriġini preċiża tiegħu. Kien jissejjaħ is-Salterju ta' Marija għall-150 Salm li dari l-irħieb kienu jirreċitaw. Il-poplu sempliċi u illitterat minfok kien jgħid dawn il 150 talba lil Marija.

Li San Duminku uża din it-Talba Marjana biex jikkumbatti l-Ereżija u lill-eretiċi ta' żmienu, huwa twemmin kostanti fost il-poplu nisrani.

San Duminku fi vjaġġ mal-Isqof ta' Osma, ltaqa' fin-Nofs-in-Nhar ta' Franza ma' l-Albiġeżi. Tajjeb li nkunu nafu x'kienu jgħallmu għax mhux ħaġa kbira li dan it-tagħim żbaljat insibuh ukoll iserrep fi żmienna.



Bħall-Manikeiżmu dawn kienu jemmnu fid-Duwaliżmu, żewġ prinċipji – it-Tajjab u l-Ħażin. Ir-ruħ tinsab imjassra fil-ġisem li bħal kull ħaġa materjali, huwa ħażin. Iż-żwieġ kienu jqisuh ħażin u jittollerawh minħabba l-prokreazzjoni.. Jiċħdu li Kristu kien bniedem, allura wkoll li Marija hija Omm Ġesù Alla li sar bniedem. Jiċħdu t-Trinità. il-Ġenna u l-Infern u l-Inkarnazzjoni, Is-Salib, il-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu. Kienu jirrikorru għall-vjolenza.

Dan it-tagħlim ħażin sab sodda fertili f'dawk l-inħawi ta' Franza. Il-ħajja xejn edifikanti min-naħa ta' prelati tal-Knisja ġibdet għal magħhom lin-nobbli għatxana biex jeħdulhom il-ġid tal-Knisja.

Quddiem din is-sitwazzjoni spiritwalment tal-biki San Duminku dar lejn il-Verġni Mbierka. Marija offrietlu s-Salterju tagħha bħala strument kontra l-Ereżija.

Is-suċċess tal-ħidma ta' San Duminku kien kbir wisq. U dan kien attribwit lir-Rużarju ta' Marija hekk li ma tistax issemmi r-Rużarju u ma jfeġġx San Duminku! Illum ninsabu f'Babilonja ta' ideat u idjoloġiji, ta' kurrenti dottrinali, materjaliżmu u tant 'iżmi' oħra. Il-forza tal-Ħażen fetħet il-kanuni kollha tagħha. Marija tinsab hemm, bl-Arma tagħha Insuperabbli, bħal fi żmien is-seklu 13.
Armata tiġi kkumbattuta b'armata oħra. L-Armata tal-Ħażen nikkumbattuha b'armata mgħammra bl-Ewkaristija u bl-Iżbandola ta' David – ir-Rużarju Mqaddes. San Duminku jurina t-triq!